C/2026/3116

11.6.2026

Aġġornament tal-lista ta' permessi tar-residenza msemmija fl-Artikolu 2(16) tar-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar Kodiċi tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni min-naħa għall-oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) [1]

(C/2026/3116)

Il-pubblikazzjoni tal-lista ta' permessi ta' residenza msemmija fl-Artikolu 2(16) tar-Regolament (EU) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar Kodiċi tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni min-naħa għall-oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) [2]hija bbażata fuq l-informazzjoni kkomunikata mill-Istati Membri lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 39 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen.

Minbarra l-pubblikazzjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali*, fis-sit web tad-Direttorat Ġenerali għall-Migrazzjoni u l-Affarijiet Interni jkun hemm aġġornament regolari.

LISTA TA' PERMESSI TA' RESIDENZA MAĦRUĠA MILL-ISTATI MEMBRI

IL-BELĠJU

Sostituzzjoni tal-lista ppubblikata fil- ĠU C, C/2023/260, 19.10.2023

1. Permessi ta' residenza maħruġa skont il-format uniformi

— **Carte A**: Certificat d'inscription au registre des étrangers – séjour temporaire

A kaart: Bewijs van inschrijving in het vreemdelingenregister – tijdelijk verblijf

A Karte: Bescheinigung der Eintragung im Ausländerregister – Vorübergehender Aufenthalt

(**Karta A**: Ċertifikat ta' iskrizzjoni fir-reġistru tal-barranin - soġġorn temporanju: din hija karta elettronika valida għat-tul ta' żmien kollu tas-soġġorn awtorizzat. Din il-karta tibqa' fiċ-ċirkolazzjoni u tibqa' valida sad-data ta' skadenza indikata fid-dokument.)

Sostitwita b'karta A ġdida, maħruġa għall-ewwel darba fil-11.10.2021:

A. SEJOUR LIMITE

A. BEPERKT VERBLIJF

A. AUFENTHALT FUR BEGRENZTE DAUER

(A: soġġorn limitat: din hija karta elettronika valida għat-tul ta' żmien kollu tas-soġġorn awtorizzat.)

— **Carte B**: Certificat d'inscription au registre des étrangers – séjour temporaire

B Kaart: Bewijs van inschrijving in het vreemdelingenregister

B Karte: Bescheinigung der Eintragung im Ausländerregister

(**Karta B**: Ċertifikat ta' iskrizzjoni fir-reġistru tal-barranin - soġġorn permanenti. Din hija karta elettronika. Il-karta hija valida għal ħames snin. Din il-karta tibqa' fiċ-ċirkolazzjoni u tibqa' valida sad-data ta' skadenza indikata fid-dokument.)

[1] Ara l-lista ta' pubblikazzjonijiet preċedenti fl-aħħar parti ta' dan l-aġġornament.
[2] ĠU L 77, 23.3.2016, p. 1.

Sostitwita b'karta B ġdida, maħruġa għall-ewwel darba fil-11.10.2021

B. SEJOUR ILLIMITE

B. ONBEPERKT VERBLIJF

B. AUFENTHALT FUR UNBEGRENZTE DAUER

(B Soġġorn bla limitu: Din hija karta elettronika. Il-karta hija valida għal ħames snin.)

— **Carte C**: Carte d'identité d'étranger

C kaart: Identiteitskaart voor vreemdelingen

C Karte: Personalausweis für Ausländer

(**Karta C**: Karta tal-identità tal-barranin: din hija karta elettronika u hija valida għal ħames snin. Din il-karta tibqa' fiċ-ċirkolazzjoni u tibqa' valida sad-data ta' skadenza indikata fid-dokument.)

Sostitwita b'karta K ġdida, maħruġa għall-ewwel darba fil-11.10.2021

K. ETABLISSEMENT

K. VESTIGING

K. NIEDERLASSUNG

(K. Stabbiliment: din hija karta elettronika. Il-karta hija valida għal għaxar snin)

— **Carte D**: Résident longue durée – CE

D Kaart: EG-verblijfsvergunning voor langdurig ingezetenen

D Karte: Langfristige Aufenthaltsberechtigung – EG

(**Karta D**: Permess ta' residenza fit-tul tal-KE, maħruġ f'konformità mad-Direttiva 2003/109/KE dwar l-*istatus* ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu residenti fit-tul. Din hija karta elettronika. Il-karta hija valida għal ħames snin. Din il-karta tibqa' fiċ-ċirkolazzjoni u tibqa' valida sad-data ta' skadenza indikata fid-dokument.)

Sostitwita b'karta L ġdida, maħruġa għall-ewwel darba fil-11.10.2021

L. RESIDENT LONGUE DUREE – UE

L. EU-LANGDURIG INGEZETENE

L. DAUERAUFENTHALT – EU

(Karta L: Permess ta' residenza fit-tul tal-KE, maħruġ f'konformità mad-Direttiva 2003/109/KE dwar l-*istatus* ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu residenti fit-tul. Din hija karta elettronika. Il-karta hija valida għal ħames snin.)

— **Carte H**: Carte bleue européenne

H kaart: Europese blauwe kaart

H Karte: Blaue Karte EU

(**Karta H**: Karta Blu tal-UE, maħruġa skont l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2009/50/KE dwar il-kondizzjonijiet ta' dħul u residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-finijiet ta' impjieg bi kwalifiki għoljin. Din hija karta elettronika. Il-Karta għandha perjodu standard ta' validità bejn sena u erba' snin skont il-leġiżlazzjoni reġjonali jew Komunitarja. Il-perjodu eżatt ta' validità għandu jikkorrispondi mat-tul ta' żmien tal-permess tax-xogħol stabbilit mill-awtorità reġjonali kompetenti.)

— **Carte I**: ICT

I kaart: ICT

I Karte: ICT

(Karta I: Permess ta' residenza maħruġ lil ħaddiem bi trasferiment intra-azjendali skont id-Direttiva tal-UE 2014/66. Din hija karta elettronika. Il-Karta hija valida għat-tul ta' żmien tal-permess tax-xogħol).

— **Carte J**: Mobile ICT

J kaart: Mobile ICT

J Karte: Mobile ICT

(Karta J: Dokument ta' residenza mogħti għall-mobilità fit-tul tal-ħaddiem bi trasferiment intra-azjendali skont id-Direttiva tal-UE 2014/66. Din hija karta elettronika. Il-Karta hija valida għat-tul ta' żmien tal-permess tax-xogħol).

— **Carte M:** article 50 TEU

M kaart: artikel 50 VEU

M Karte: artikel 50 EUV

(Karta M: Dokument ta' residenza mwassal lill-Benefiċjarji tal-Ftehim dwar il-Ħruġ (Brexit). Din hija karta elettronika. Il-karta hija valida għal ħames snin).

— **Carte N:** article 50 TEU- Travailleur frontalier

N kaart: artikel 50 VEU – Grensarbeider

N karte: artikel 50 EUV – Grenzgänger

(Karta N: Dokument ta' residenza mwassal lill-Benefiċjarji tal-Ftehim dwar il-Ħruġ (Brexit). Din hija karta elettronika. Il-karta hija valida għal ħames snin).

2. Kull dokument ieħor maħruġ lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li għandu valur ekwivalenti għal permess ta' residenza

— **Carte F**: Carte de séjour de membre de la famille d'un citoyen de l'Union

F kaart: Verblijfskaart van een familielid van een burger van de Unie

F Karte: Aufenthaltskarte für Familieangehörige eines Unionsbürgers

(**Karta F**: Karta ta' residenza għal membru tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni, maħruġa f'konformità mad-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar id-dritt taċ-ċittadini tal-Unjoni u l-membri tal-familja tagħhom li jiċċaqalu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri – l-Artikolu 10. Din hija karta elettronika. Il-karta hija valida għal ħames snin. Din il-karta tibqa' fiċ-ċirkolazzjoni u tibqa' valida sad-data ta' skadenza indikata fid-dokument. Madankollu, jekk il-validità tagħha tiskadi wara t-3 ta' Awwissu 2026, trid tiġi sostitwita qabel din id-data.)

Sostitwita b'karta F ġdida, maħruġa għall-ewwel darba fil-11.10.2021

F. MEMBRE FAMILLE UE ART 10 DIR 2004/38/CE

F. FAMILIELID EU ART 10 RL 2004/38/EG

F. EU-FAMILIENANGEHORIGER ART 10 RL 2004/38/EG

(Karta F: Karta ta' residenza għal membru tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni, maħruġa f'konformità mad-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar id-dritt taċ-ċittadini tal-Unjoni u l-membri tal-familja tagħhom li jiċċaqalu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri – l-Artikolu 10. Din hija karta elettronika. Il-karta hija valida għal ħames snin.)

— **Carte F+:** Carte de séjour permanent de membre de la famille d'un citoyen de l'Union

F+ kaart: Duurzame verblijfskaart van een familielid van een burger van de Unie

F+ Karte: Daueraufenthaltskarte für Familienangehörige eines Unionsbürgers

(**Karta F+**: Karta ta' residenza għal membru tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni, maħruġa f'konformità mad-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar id-dritt taċ-ċittadini tal-Unjoni u l-membri tal-familja tagħhom li jiċċaqalu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri – l-Artikolu 10. Il-karta hija valida għal ħames snin. Din il-karta tibqa' fiċ-ċirkolazzjoni u tibqa' valida sad-data ta' skadenza indikata fid-dokument. Madankollu, jekk il-validità tagħha tiskadi wara t-3 ta' Awwissu 2026, trid tiġi sostitwita qabel din id-data.)

Sostitwita b'karta F+ ġdida, maħruġa għall-ewwel darba fil-11.10.2021

F+. MEMBRE FAMILLE UE ART 20 DIR 2004/38/CE

F+. FAMILIELID EU ART 20 RL 2004/38/EG

F+. EU-FAMILIENANGEHORIGER ART 20 RL 2004/38/EG

(Karta F+: Karta ta' residenza għal membru tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni, maħruġa f'konformità mad-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar id-dritt taċ-ċittadini tal-Unjoni u l-membri tal-familja tagħhom li jiċċaqalu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri – l-Artikolu 10. Il-karta hija valida għal għaxar snin.)

— **Permessi ta' residenza maħruġa lil ċittadini tal-Unjoni f'konformità mad-Direttiva 2004/38/KE**

— **Carte E:** Attestation d'enregistrement

E kaart: Verklaring van inschrijving

E Karte: Anmeldebescheinigung

(Karta E: Ċertifikat ta' reġistrazzjoni maħruġ lil ċittadini tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 8 tad-Direttiva 2004/38/KE. Din hija karta elettronika u hija valida għal ħames snin.)

Sostitwita b'karta ġdida UE, maħruġa għall-ewwel darba fl-10.5.2021

EU. ENREGISTREMENT ART 8 DIR 2004/38/EC

EU. INSCHRIJVING ART 8 RL 2004/38/EG

EU. ANMELDUNG ART 8 RL 2004/38/EG

(UE. Iskrizzjoni skont l-Artikolu 8 tad-Direttiva 2004/38/KE; karta elettronika b'validità ta' ħames snin)

— Carte E+: Document attestant la permanence du séjour

E+ kaart: Document ter staving van duurzaam verblijf

E+ Karte: Dokument zur Bescheinigung des Daueraufenthalts

(Karta E+: Dokument li jiċċertifika residenza permanenti maħruġ lil ċittadini tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 19 tad-Direttiva 2004/38/KE. Din hija karta elettronika u hija valida għal ħames snin.)

Sostitwita b'karta ġdida UE+, maħruġa għall-ewwel darba fl-10.5.2021

EU+. SEJOUR PERMANENT – ART 19 DIR 2004/38/CE

EU+. DUURZAAM VERBLIJF – ART 19 RL 2004/38/EG

EU+. DAUERAUFENTHALT – ART 19 RL 2004/38/EG

(UE+. Residenza permanenti skont l-Artikolu 19 tad-Direttiva 2004/38/KE; karta elettronika b'validità ta' għaxar snin)

— **Permess ta' residenza speċjali maħruġ mill-Ministeru tal-Affarijiet Barranin:**

— Carte d'identité diplomatique

Diplomatieke identiteitskaart

Diplomatischer Personalausweis

(Karta tal-Identità Diplomatika)

— Carte d'identité consulaire

Consulaat identiteitskaart

Konsularer Personalausweis

(Karta tal-Identità Konsulari)

— Carte d'identité spéciale – couleur bleue

Bijzondere identiteitskaart – blauw

Besonderer Personalausweis – blau

(Karta tal-Identità Speċjali – ta' lewn blu)

— Carte d'identité spéciale – couleur rouge

Bijzondere identiteitskaart – rood

Besonderer Personalausweis – rot

(Karta tal-Identità Speċjali – ta' lewn aħmar)

— Certificat d'identité pour les enfants âgés de moins de cinq ans des étrangers privilégiés titulaires d'une carte d'identité diplomatique, d'une carte d'identité consulaire, d'une carte d'identité spéciale – couleur bleue ou d'une carte d'identité spéciale – couleur rouge

Identiteitsbewijs voor kinderen, die de leeftijd van vijf jaar nog niet hebben bereikt, van een bevoorrecht vreemdeling dewelke houder is van een diplomatieke identiteitskaart, consulaire identiteitskaart, bijzondere identiteitskaart – blauw of bijzondere identiteitskaart – rood

Identitätsnachweis für Kinder unter fünf Jahren von privilegierten Ausländern, die Inhaber eines diplomatischen Personalausweises, konsularen Personalausweises, besonderen Personalausweises – blau oder besonderen Personalausweises – rot sind.

(Karta tal-Identità għat-tfal, taħt l-età ta' ħames snin, ta' barranin li huma detenturi ta' karta tal-identità diplomatika, karta tal-identità konsulari, karta tal-identità speċjali blu jew karta tal-identità speċjali ħamra)

— Lista ta' persuni li jipparteċipaw f'ġita skolastika fl-Unjoni Ewropea

IR-REPUBBLIKA ĊEKA

Sostituzzjoni tal-lista ppubblikata fil- ĠU C, C/2025/6765, 23.12.2025

1) **Format uniformi (karta tal-identità)**

Il-permessi ta' residenza jinħarġu fil-forma ta' karta tal-identità magħmula minn karta tal-polikarbonat b'karatteristiċi bijometriċi skont mudell uniformi. Il-perjodu ta' validità jiddependi fuq it-tip ta' soġġorn, f'konformità mal-Att Nru 326/1999 Coll., dwar ir-Residenza ta' Ċittadini Barranin fit-Territorju tar-Repubblika Ċeka u mal-Emendi għal Ċerti Atti, kif ukoll mal-Att Nru 325/1999 Coll. dwar l-Ażil, kif emendat.

A) Residence Permit/ Povolení k pobytu (Permess ta' Residenza)

Dan id-dokument jista' jinkiseb **minn ċittadini ta' pajjiżi terzi b'permess ta' residenza għal żmien twil jew permanenti** fir-Repubblika Ċeka, **membri tal-familja ta' ċittadini tal-UE, tan-Norveġja, tal-Iżvizzera, tal-Iżlanda, u tal-Liechtenstein** li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet għall-ħruġ ta' Karta ta' Residenza Permanenti (*"Permanent Residence Card"/ "Karty trvalého pobytu")* jew ta' Karta ta' Residenza (*"Residence Card"/ "Pobytové karty")*, u **persuni li jingħataw l-ażil jew il-protezzjoni sussidjarja**.

Mit-2 ta' Awwissu 2021, id-dokument inħareġ ukoll liċ-**ċittadini tar-Renju Unit u lill-membri tal-familja tagħhom koperti mill-Ftehim dwar il-Ħruġ.**

It-Taqsima *"Remarks"/"Poznámky" (Rimarki)* tinkludi kodiċi b'żewġ ċifri li jispeċifika l-iskop tas-soġġorn *(ara t-tabella hawn taħt)*. Għal permessi maħruġa għal raġunijiet oħra minbarra l-impjieg, tiżdied in-nota *"Free access to the labour market – YES/NO"/"Volný přístup na trh práce – ANO/NE" (Aċċess liberu għas-suq tax-xogħol – IVA/LE)*. L-indirizz tar-residenza huwa pprovdut biss għall-awtorizzazzjonijiet tat-tip *"PERMANENT STAY"/"TRVALÝ POBYT" (Soġġorn permanenti), "ASYLUM"/ "AZYL" (Ażil)*, u *"SUBSIDIARY PROTECTION"/"DOPLŇKOVÁ OCHRANA" (Protezzjoni sussidjarja)*.

KODIĊI TAD-DEŻINJAZZJONI TAL-ISKOPIJIET TAS-SOĠĠORN MAGĦŻULA			
00	Kura medika	49	Ażil
01	Negozju	52	Impjieg staġjonali
02	Attivitajiet kulturali	54	Protezzjoni sussidjarja
03	Żjara lill-familja jew lill-ħbieb	55	Riunifikazzjoni tal-familja
04	Stedina	56	Soġġorn ta' resident ta' Stat Membru tal-UE
05	Uffiċjal (politiku)	57	Membru tal-familja ta' resident ta' Stat Membru tal-UE
06	Intraprenditorija (ħaddiem għal rasu)	58	Membru tal-familja ta' riċerkatur
07	Attivitajiet sportivi	59	Membru tal-familja ta' detentur tal-Karta Blu
08	Studji (taħriġ, i)	60	Soġġorn għall-iskop ta' koabitazzjoni ta' residenti barranin
09	Oħrajn (turiżmu, tranżitu, negozju, kungressi, eċċ.)	67	Revoka ta' permess ta' residenza preċedenti
10	Turiżmu	68	Permess wara 5 snin ta' soġġorn kontinwu
17-20	Familja	69	Permess wara 5 snin fl-UE
21-24	Studji	70	Riunifikazzjoni tal-familja ma' ċittadin Ċek – l-applikant huwa konjuġi
25	Riċerkatur	71	Riunifikazzjoni tal-familja ma' ċittadin Ċek – l-applikant huwa wild imwieled fir-Repubblika Ċeka
28	Impjieg – Karta Blu	72	Riunifikazzjoni tal-familja ma' ċittadin Ċek – l-applikant huwa wild imwieled barra mir-Repubblika Ċeka

KODIĊI TAD-DEŻINJAZZJONI TAL-ISKOPIJIET TAS-SOĠĠORN MAGĦŻULA			
29	Viża għal xogħol straordinarju	73	Riunifikazzjoni tal-familja ma' ċittadin Ċek – l-applikant huwa membru ieħor tal-familja
30-35	Ċittadini tal-UE u l-membri tal-familja tagħhom	74-77	Riunifikazzjoni tal-familja ma' ċittadin tal-UE
36	Maniġer eżekuttiv - parteċipazzjoni f'entità legali	78	Residenza għal żmien twil għal skop ta' investiment
37	Vaganza tax-xogħol (WH, Working Holiday)	79	Permess għal ħaddiem bi trasferiment intraazjendali (ICT, Intra-Company Employee Transfer Card)
41	Soġġorn għal raġunijiet umanitarji	80	Permess għal ħaddiem ta' Stat Membru ieħor tal-UE bi trasferiment intraazjendali (ICT Mobbli)
42	Soġġorn għal raġunijiet oħra li jistħoqqilhom kunsiderazzjoni	83	Proċedura ta' protezzjoni internazzjonali
43	Soġġorn fl-interess tar-Repubblika Ċeka	86	Protezzjoni temporanja (applikant)
47	Soġġorn wara l-ażil	87	Protezzjoni temporanja (mogħtija)
48	Residenza ta' ċittadin barrani taħt it-18-il sena (kura ta' sostituzzjoni)	99	Skopijiet oħra

(i) **Permessi ta' Residenza maħruġa mill-4 ta' Lulju 2011 sas-26 ta' Ġunju 2020** fil-forma ta' karti tal-identità f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 380/2008 tat-18 ta' April 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1030/2002 li jippreskrivi format uniformi għall-permessi ta' residenza għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi. **Dawn il-permessi jibqgħu validi sa Ġunju 2030.**

It-tip rilevanti ta' soġġorn huwa speċifikat taħt l-intestatura Tip ta' permess: *"Long-term residence"*/*"Dlouhodobý pobyt" (Residenza għal żmien twil)*,*"Employee card"*/*"Zaměstnanecká karta" (Karta tal-Impjegat)*, *"EU Blue Card"*/"Modrá karta EU (Karta Blu tal-UE)" (id-Direttiva tal-Kunsill 2009/50/KE), *"ICT"* (Karta ta' trasferiment intraazjendali skont id-Direttiva 2014/66/UE), *"MOBILE ICT"* (Karta ta' trasferiment intraazjendali ta' ħaddiem minn Stat Membru ieħor tal-UE skont id-Direttiva tal-Kunsill 2014/66/UE), jew *"Permanent"*/*"Trvalý" (Permanenti)*.

(ii) **Permessi ta' Residenza maħruġa mis-27 ta' Ġunju 2020** fil-forma ta' karti tal-identità f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/1954 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2017 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1030/2002 li jippreskrivi format uniformi għall-permessi ta' residenza għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi.

B) Residence Card/ Pobytová karta (Karta ta' residenza)

Karta ta' Residenza **maħruġa mit-2 ta' Awwissu 2021** fil-forma ta' karta tal-identità f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/1954 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2017 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1030/2002 li jippreskrivi format uniformi għall-permessi ta' residenza għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi. In-naħa ta' wara tal-karta hija identika għall-permess ta' residenza *(ara t-taqsima A hawn fuq għal aktar dettalji)*. Maħruġa biss lil membri tal-familja ta' ċittadini tal-UE li mhumiex huma stess ċittadini tal-UE.

C) Permanent Residence Card/Karta trvalého pobytu (Karta ta' Residenza Permanenti)

Karta ta' Residenza Permanenti **maħruġa mit-2 ta' Awwissu 2021** fil-forma ta' karta tal-identità f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/1954 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2017 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1030/2002 li jippreskrivi format uniformi għall-permessi ta' residenza għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi. In-naħa ta' wara tal-karta hija identika għall-permess ta' residenza *(ara t-taqsima A hawn fuq għal aktar dettalji)*. Maħruġa biss lil membri tal-familja ta' ċittadini tal-UE li mhumiex huma stess ċittadini tal-UE.

2) **Id-dokumenti l-oħrajn kollha maħruġin lil ċittadini ta' pajjiżi terzi ta' valur ekwivalenti għal permess ta' residenza**

A) Residence Card of a Family Member of a Citizen of the European Union/Pobytová karta

rodinného příslušníka občana Evropské unie (Karta ta' Residenza ta' Membru tal-Familja ta' Ċittadin tal-Unjoni Ewropea)

Dokument blu skur fil-forma ta' ktejjeb. Dokument maħruġ mill-1 ta' Jannar 2013 sal-1 ta' Awwissu 2021 lill-membri tal-familja ta' ċittadini tal-UE li ngħataw residenza temporanja fir-Repubblika Ċeka. Il-karta kienet **valida sat-3 ta' Awwissu 2023**, u wara ġiet sostitwita kompletament b'dokument b'data bijometrika *(ara t-taqsima 1 – format uniformi għal aktar dettalji)*.

B) Permanent Residence Card/ Průkaz o povolení k trvalému pobytu (Karta ta' Residenza Permanenti)

(i) Il-Karta ta' Residenza Permanenti hija dokument aħdar skur fil-forma ta' ktejjeb. **Mit-2 ta' Awwissu 2021, din il-karta nħarġet biss liċ-ċittadini tal-UE, tal-Iżvizzera, tan-Norveġja, tal-Iżlanda u tal-Liechtenstein.**

Preċedentement, din il-karta ta' residenza permanenti nħarġet ukoll lill-membri tal-familja ta' ċittadini tal-UE, tal-Iżvizzera, tan-Norveġja, tal-Iżlanda u tal-Liechtenstein. Madankollu, mit-2 ta' Awwissu 2021, dawn il-membri tal-familja jirċievu dokumenti b'data bijometrika *(ara t-taqsima 1 – format uniformi għal aktar dettalji)*. Dan japplika wkoll għaċ-ċittadini tar-Renju Unit u għall-membri tal-familja tagħhom li huma koperti mill-Ftehim dwar il-Ħruġ. **Id-dokumenti maħruġa qabel it-2 ta' Awwissu 2021 jibqgħu validi sad-data tal-iskadenza tagħhom.**

(ii) Il-Karta ta' Residenza Permanenti ta' ċittadin tal-Unjoni Ewropea hija dokument aħmar fil-forma ta' ktejjeb. Dan it-tip ta' dokument inħareġ liċ-ċittadini tal-UE sa Awwissu 2017. Jista' jibqa' fiċ-ċirkolazzjoni sal-2027.

C) Residence Permit Card for Foreigners/ Průkaz o povolení k pobytu pro cizince (Karta tal-Permess ta' Residenza għall-Barranin)

Dokument aħdar ċar fil-forma ta' ktejjeb b'tipa ħamra fuq quddiem. Sal-14 ta' Awwissu 2017, kien jinħareġ liċ-ċittadini tal-Iżvizzera, in-Norveġja, l-Iżlanda u l-Liechtenstein b'residenza permanenti fir-Repubblika Ċeka, kif ukoll lill-membri tal-familja tagħhom b'permessi ta' residenza temporanji. Mill-15 ta' Awwissu 2017, kien maħsub biss għall-membri tal-familja taċ-ċittadini ta' dawn l-istati għal residenza temporanja. **Id-dokument skada fit-3 ta' Awwissu 2023**, u wara ġie sostitwit kompletament b'dokumenti b'data bijometrika *(ara t-taqsima 1 hawn fuq – format uniformi)*.

D) Identity Card/ Identifikační průkaz (Karta tal-Identità)

i) Karta tal-Identità – maħruġa mill-15 ta' Awwissu 2017.

Mill-15 ta' Awwissu 2017, inħarġet karta tal-identità b'iskrizzjoni bil-kulur iswed fuq in-naħa ta' quddiem *"Identity Card and long-term residence permit"/"Identifikační pron kaz a povolení k pobytu" (Karta tal-Identità u permess ta' residenza għal żmien twil)*.

Dan id-dokument huwa f'format ta' karta stampata laminata bid-dimensjonijiet 105 × 74 mm. Fuq in-naħa ta' quddiem, hemm ritratt tad-detentur flimkien mad-dettalji bħall-isem, in-nazzjonalità, id-data tat-twelid, il-ġeneru, il-funzjoni, l-indirizz, u d-data tal-validità tal-karta. Fuq in-naħa ta' wara tagħha, il-karta tal-identità tiddikjara li hija dokument uffiċjali u prova tal-identità, kif ukoll prova ta' residenza għal żmien twil fir-Repubblika Ċeka.

ii) u iii) Karta tal-Identità maħruġa liċ-ċittadini tal-Istati Membri tal-UE jew liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi – maħruġa mill-1 ta' Diċembru 2025.

Mill-1 ta' Diċembru 2025, il-karti tal-identità qed jinħarġu b'iskrizzjoni bil-kulur iswed fuq in-naħa ta' quddiem *"Identity Card/"Identifikační průkaz"* għaċ-ċittadini tal-Istati Membri tal-UE u iskrizzjoni bil-kulur iswed *"Identity Card and long-term residence permit"/"Identifikační průkaz a povolení k pobytu"* għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi.

Fuq in-naħa ta' quddiem, hemm ritratt tad-detentur flimkien mad-dettalji bħall-isem, in-nazzjonalità, id-data tat-twelid, il-ġeneru, il-funzjoni, l-indirizz, u d-data tal-validità tal-karta. Fuq in-naħa ta' wara, huwa ddikjarat li din il-karta tal-identità tintitola lid-detentur li jirrisjedi fir-Repubblika Ċeka. In-naħa ta' wara tad-dokument kemm għaċ-ċittadini tal-istati membri tal-UE kif ukoll għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi hija identika.

Il-karti tal-identità maħruġa mill-15 ta' Awwissu 2017 għadhom validi minkejja l-ħruġ ta' karti tal-identità ġodda mill-1 ta' Diċembru 2025.

Il-karta tal-identità jinħarġu mill-Ministeru għall-Affarijiet Barranin b'din id-dežinjazzjoni:

NOTA	SPJEGAZZJONIJIET
D	Membri ta' missjonijiet diplomatiċi – persunal diplomatiku
K	Membri ta' konsulat – uffiċjali konsulari
MO/D	Membri ta' organizzazzjonijiet internazzjonali li jgawdu minn privileġġi u immunitajiet diplomatiċi
ATP	Membri amministrattivi u tekniċi ta' missjonijiet diplomatiċi
KZ	Membri ta' konsulat – impjegati konsulari
MO/ATP	Membri ta' organizzazzjonijiet internazzjonali li jgawdu mill-istess privileġġi u immunitajiet bħall-persunal amministrattiv u tekniku ta' missjonijiet diplomatiċi
MO	Membri ta' organizzazzjonijiet internazzjonali li jgawdu minn privileġġi u immunitajiet skont ftehim rilevanti
SP/, SP/K	Membri tal-persunal tas-servizz tal-missjonijiet diplomatiċi jew konsulati
SSO, SSO/K	Impjegati personali ta' membri ta' missjonijiet diplomatiċi jew konsulati
HK	Membri ta' konsulati onorarji

E) Dokumenti ta' Residenza li jinħarġu lid-Detenturi ta' Protezzjoni Temporanja u liċ-Ċittadini Barranin Mogħtija Viżi fit-Tul għal soġġorn itwal minn 90 jum għall-Iskop ta' Żjara Ttollerata Minħabba l-Kunflitt Armat fl-Ukrajna

Skont id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2024/1836 tal-25 ta' Ġunju 2024 li testendi l-protezzjoni temporanja kif introdotta bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/382 tal-4 ta' Marzu 2022 li tistabbilixxi l-eżistenza ta' influss bil-massa ta' persuni spostati mill-Ukrajna skont it-tifsira tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2001/55/KE, u li għandha l-effett li tintroduċi protezzjoni temporanja (ĠU L 71, 4.3.2022, p. 1), u § 7b tal-Att Nru 24/2025 Coll., li jemenda l-Att Nru 65/2022 Coll., dwar ċerti miżuri b'rabta mal-kunflitt armat fit-territorju tal-Ukrajna kkawżat mill-invażjoni tal-forzi armati tal-Federazzjoni Russa, is-sistema li ġejja ta' dokumenti ta' residenza għall-persuni spostati mill-Ukrajna tapplika fir-Repubblika Ċeka.

Id-dokumenti ta' residenza għall-protezzjoni temporanja fir-Repubblika Ċeka jikkonsistu jew minn sticker tal-viża għall-awtorizzazzjoni ta' residenza (imwaħħla fil-passaport jew fuq rapport dwar il-qsim tal-fruntiera tal-Istat) jew konferma PDF tal-estensjoni tal-protezzjoni temporanja. Flimkien ma' dokument tal-ivvjaġġar, dawn jintitolaw lill-persuni spostati li jaqsmu l-fruntiera esterna taż-żona Schengen mingħajr viża. Id-dokumenti ta' protezzjoni temporanja (l-isticker tal-viża jew il-konferma PDF) jikkostitwixxu permess ta' residenza skont l-Artikolu 2(16) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen.

1. **Stickers tal-Viża għal Awtorizzazzjoni ta' Residenza (Protezzjoni Temporanja)**

— Id-detenturi ta' protezzjoni temporanja li fl-2026 irċevew viża fit-tul għall-fini ta' protezzjoni temporanja għandhom sticker tal-viża mwaħħla fil-passaport tagħhom jew fuq rapport dwar il-qsim tal-fruntiera tal-Istat b'validità sal-31 ta' Marzu 2027. Il-validità ta' dawn l-istickers tal-viża tista' taqbeż it-365 jum. Dawn id-detenturi ma jirreġistrawx għal estensjoni elettronika u **ma jirċevux konferma PDF**; l-isticker tal-viża hija d-dokument ta' residenza u tal-ivvjaġġar uniku u komplut tagħhom ġewwa Schengen.

— Id-detenturi ta' protezzjoni temporanja li fl-2025 kellhom viża valida sal-31 ta' Marzu 2026 irreġistraw elettronikament għal estensjoni fl-2026. Jekk ma jkollhomx imwaħħla sticker tal-viża ġdida valida sal-31 ta' Marzu 2027, ikollhom sticker tal-viża valida sal-31 ta' Marzu 2026 **flimkien mal-konferma PDF tar-reġistrazzjoni elettronika għall-estensjoni tal-protezzjoni temporanja.** Din il-konferma hija dokument ta' residenza validu sat-30 ta' Settembru 2026.

— Id-detenturi ta' protezzjoni temporanja li diġà lestew b'suċċess l-estensjoni għandhom sticker tal-viża ġdida valida sal-31 ta' Marzu 2027 imwaħħla fuq il-passaport tagħhom jew fuq ir-rapport tal-qsim tal-fruntiera tal-Istat. Ma hemmx bżonn li tingħata prova tal-eżistenza ta' konferma PDF; l-isticker tal-viża hija dokument komplut.

2. **Konferma ta' Reġistrazzjoni Elettronika għall-Estensjoni tal-Protezzjoni Temporanja**

Skont § 7b tal-Att Nru 24/2025 Coll., li jemenda l-Att Nru 65/2022 Coll., kien possibbli li l-validità tal-awtorizzazzjonijiet għall-protezzjoni temporanja tiġi estiża awtomatikament mingħajr il-bżonn li ssir applikazzjoni ġdida permezz ta' reġistrazzjoni elettronika. "Konferma ta' Reġistrazzjoni Elettronika għall-Estensjoni ta' Protezzjoni Temporanja" li tkun inħarġet sal-15 ta' Marzu 2026 tintitola lid-detentur li jirrisjedi fit-territorju tar-Repubblika Ċeka u li jiċċaqlaq liberament fiż-żona Schengen sat-30 ta' Settembru 2026. Il-validità ta' din il-konferma tista' tiġi vverifikata permezz tal-kodiċi QR jew permezz tas-sit web tal-Ministeru tal-Intern tar-Repubblika Ċeka: https://ipc.gov.cz/docasna-ochrana/overeni-potvrzeni/.

IL-LUSSEMBURGU

Sostituzzjoni tal-informazzjoni ppubblikata fil-ĠU C, C/2025/6217, 17.11.2025

(NB: Din il-lista mhijiex riveduta kompletament)

— Carte de séjour de membre de famille d'un citoyen de l'Union ou d'un ressortissant d'un des autres Etats ayant adhéré à l'Espace économique européen ou de la Confédération suisse – série M

(Karta ta' residenza ta' membru tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni jew ta' xi wieħed mill-Istati l-oħra li aċċedew għall-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea jew tal-Konfederazzjoni Żvizzera – Serje M)

— Carte de séjour permanent de membre de famille d'un citoyen de l'Union ou d'un ressortissant d'un des autres Etats ayant adhéré à l'Espace économique européen ou de la Confédération suisse – série M

(Karta ta' residenza permanenti ta' membru tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni jew ta' ċittadin ta' xi wieħed mill-Istati l-oħra li aċċedew għall-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea jew tal-Konfederazzjoni Żvizzera – serje M)

— Liste des élèves participant à un voyage scolaire dans l'Union européenne.

(Lista ta' studenti li jipparteċipaw f'ġita skolastika fl-Unjoni Ewropea)

— Cartes diplomatiques, consulaires et de légitimation délivrées par le Ministère des Affaires étrangères (voir annexe 20)

(Karti tal-identità diplomatiċi, karti tal-identità u ta' leġitimmazzjoni konsulari/karti tas-servizz maħruġa mill-Ministeru tal-Affarijiet Barranin (ara l-Anness 20)

— Visa long séjour (visa sous forme de vignette avec un code national D).

(Viża għal soġġorn twil – stiker tal-viża bil-kodiċi nazzjonali D)

— Titres de séjour délivrés aux ressortissants de pays tiers selon le format uniforme dans les catégories suivantes:

  — travailleur salarié

  — travailleur indépendant

  — chercheur

  — travailleur salarié détaché,

  — travailleur salarié transféré,

  — travailleur salarié (article 44bis),

— travailleur saisonnier,

— prestataire de services communautaire,

— travailleur d'un prestataire de service UE,

— résident de longue durée-UE,

— membre de famille,

— carte bleue européenne,

— élève,

— étudiant,

— ICT – employé stagiaire,

— ICT - espert/cadre,

— ICT mobbli - employé/stagiaire,

— ICT mobbli - espert/cadre,

— protection internationale-protection subsidiaire,

— protection internationale-statut de réfugié,

— protecton temporaire,

— volontaire,

— jeune au pair,

— stagiaire,

— vie privée,

— sportif,

— investisseur.

(permessi ta' residenza maħruġa lil ċittadini terzi bħala: ħaddiem bil-paga, persuna li taħdem għal rasha, riċerkatur, ħaddiem bil-paga stazzjonat, ħaddiem bil-paga trasferit, ħaddiem bil-paga (l-Artikolu 44bis), ħaddiem staġjonali, fornitur ta' servizz Ewropew, resident għal żmien twil-UE, membru tal-familja, karta blu, student, ICT – persuna li qed titħarreġ jew impjegata, espert-ICT, apprendist jew impjegat ICT mobbli, espert ICT mobbli, protezzjoni internazzjonali - protezzjoni sussidjarja, protezzjoni internazzjonali - refuġjat rikonoxxut, protezzjoni temporanja, ħaddiem voluntier, au-pair żagħżugħ/a, raġunijiet privati, sportivi, investitur)

— Titres de séjour délivrés aux ressortissants britanniques et aux membres de leur famille, bénéficiaires de l'Accord de retrait, en application de l'Article 18(1) de l'Accord de retrait conclu entre l'Union européenne et le Royaume-Uni (Article 50 TUE) – **Enregistrement dans l'EES sans activation de la calculatrice automatique**.

(dokumenti ta' residenza għal ċittadini Brittaniċi u membri tal-familja tagħhom, benefiċjarji tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, maħruġa skont l-artikolu 18(1) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ konkluż bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit ("l-Artikolu 50 TUE") – **Irreġistra fl-EES mingħajr ma tattiva l-kalkulatriċi awtomatika**)

IL-POLONJA

Sostituzzjoni tal-informazzjoni ppubblikata fil-ĠU C, C/2025/5109, 18.9.2025

I. Lista ta' dokumenti koperti mill-Artikolu 2(16)(a) tar-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar Kodiċi tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni min-naħa għall-oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen)

1. Dokumenti ta' residenza maħruġa skont il-format uniformi stabbilit fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1030/2002 tat-13 ta' Ġunju 2002 li jippreskrivi format uniformi għall-permessi ta' residenza għaċ-ċittadini ta' pajjiż terz.

— Karta pobytu (Karta ta' residenza)

Il-karti tar-residenza jinħarġu lil barranin li jkunu kisbu:

— zezwolenie na pobyt czasowy (POBYT CZASOWY) - permess ta' residenza temporanju;

— zezwolenie na pobyt stały (POBYT STAŁY) - permess ta' residenza permanenti;

— zezwolenie na osiedlenie się (OSIEDLENIE SIĘ) – permess ta' residenza għat-tul maħruġ qabel l-1 ta' Mejju 2014;

— zezwolenie na pobyt rezydenta długoterminowego WE/UE (POBYT REZYDENTA DŁUGOTERMINOWEGO WE/UE) - permess ta' residenza ta' resident għal żmien twil tal-KE (maħruġ wara l-1 ta' Ottubru 2005). B'effett mit-12 ta' Ġunju 2012, it-terminu "KE" ġie sostitwit bit-terminu "UE";

— zgoda na pobyt ze względów humanitarnych (POBYT ZE WZGLĘDÓW HUMANITARNYCH)

— kunsens għal soġġorn għal raġunijiet umanitarji;

— status uchodźcy (STATUS UCHODŹCY) - status ta' refuġjat;

— ochrona uzupełniająca (OCHRONA UZUPEŁNIAJĄCA) - protezzjoni sussidjarja;

— Dokumenti maħruġa liċ-ċittadini tar-Renju Unit u lill-membri tal-familja tagħhom - il-benefiċjarji tal-Ftehim dwar il-Ħruġ fil-Polonja, wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni:

— **Zaświadczenie o zarejestrowaniu pobytu** (Ċertifikat ta' reġistrazzjoni ta' soġġorn – għal ċittadini tar-Renju Unit li għandhom id-dritt ta' residenza)

— **Dokument potwierdzający prawo stałego pobytu**(Dokument li jiċċertifika r-residenza permanenti – għaċ-ċittadini tar-Renju Unit li għandhom id-dritt ta' residenza permanenti),

— **Karta pobytowa** (Karta ta' residenza - għal membru tal-familja mhux mir-Renju Unit li għandu d-dritt ta' residenza),

— **Karta stałego pobytu** (Karta ta' residenza permanenti - għal membru tal-familja mhux mir-Renju Unit li għandu d-dritt ta' residenza permanenti).

Id-dokumenti kollha msemmija hawn fuq se jkollhom: "L-Artikolu 50 TUE" fil-kamp: "tip ta' permess" u "Art. 18 ust. 4 Umowy Wystąpienia" fil-kamp: "kummenti".

2. Żewġ karti ta' residenza maħruġa skont id-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri u li temenda r-Regolament (KEE) Nru 1612/68 u li tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE.

— Karta pobytu członka rodziny obywatela Unii Europejskiej (Karta ta' residenza għal membru tal-familja ta' ċittadin tal-UE);

— Karta stałego pobytu członka rodziny obywatela Unii Europejskiej (Karta ta' residenza permanenti għal membru tal-familja ta' ċittadin tal-UE).

II. Lista ta' dokumenti koperti mill-Artikolu 2(16)(b) tar-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar Kodiċi tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni min-naħa għall-oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen)

1. Karta tal-identità maħruġa mill-Ministeru tal-Affarijiet Barranin:

— **legitymacja dyplomatyczna** (Karta tal-Identità Diplomatika);

— **legitymacja służbowa** (Karta tal-Identità Uffiċjali);

— **legitymacja konsularna** (Karta tal-Identità Konsulari);

— **legitymacja konsularna konsula honorowego** (Karta tal-Identità Konsulari għall-Konslu Onorarju);

— **legitymacja specjalna** (Karta tal-Identità Speċjali).

2. **Lista podróżujących dla wycieczek w Unii Europejskiej** (decyzja Rady 94/795/WSiSW z dnia 30 listopada 1994 r. w sprawie wspólnych działań przyjętych przez Radę na podstawie art. K.3 ust. 2 lit. b Traktatu o Unii Europejskiej w sprawie ułatwień podróży dla uczniów pochodzących z państw trzecich przebywających w Państwach Członkowskich) (Lista ta' vjaġġaturi għal vjaġġi fl-Unjoni Ewropea (Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/795/ĠAI tat-30 ta' Novembru 1994 dwar azzjoni konġunta adottata mill-Kunsill fuq il-bażi tal-Artikolu K.3.2.b tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea dwar faċilitajiet tal-ivvjaġġar għal tfal tal-iskola minn pajjiżi terzi residenti fi Stat Membru)).

3. Dokumenti maħruġa liċ-ċittadini tar-Renju Unit u lill-membri tal-familja tagħhom qabel it-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni msemmi fil-Ftehim dwar il-Ħruġ skont id-Direttiva 2004/38/KE li jistgħu jintużaw minnhom wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni (id-dokumenti se jibqgħu validi mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2021):

— **Dokument potwierdzający prawo stałego pobytu**(Dokument li jiċċertifika d-dritt ta' residenza permanenti),

— **Karta pobytu członka rodziny obywatela UE** (Karta ta' residenza għal membru tal-familja ta' ċittadin tal-UE),

— **Karta stałego pobytu członka rodziny obywatela UE** (Karta ta' residenza permanenti għal membru tal-familja ta' ċittadin tal-UE).

4. Dokumenti provviżorji maħruġa liċ-ċittadini tar-Renju Unit u lill-membri tal-familja tagħhom wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni msemmi fil-Ftehim dwar il-Ħruġ:

— **Zaświadczenie** (ċertifikat) b'validità ta' sena li tikkonferma s-sottomissjoni ta' applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' dokument ta' soġġorn u/jew ta' residenza għall-benefiċjarju tal-Ftehim dwar il-Ħruġ — f'każ ta' applikazzjoni sottomessa sal-31 ta' Diċembru 2021 (iċ-ċertifikat flimkien ma' dokument tal-ivvjaġġar validu jintitolaw għal qsim multiplu tal-fruntieri mingħajr il-ħtieġa li tinkiseb viża).

5. **Dokument ochrony czasowej** (Dokument ta' Protezzjoni Temporanja) – dokument tal-identità diġitali maħruġ lill-benefiċjarji ta' protezzjoni temporanja skont l-Att tat-13 ta' Ġunju 2003 dwar l-għoti ta' protezzjoni lill-barranin fit-territorju tar-Repubblika tal-Polonja b'rabta mad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/382 tal-4 ta' Marzu 2022 li tistabbilixxi l-eżistenza ta' influss bil-massa ta'persuni spostati mill-Ukrajna skont it-tifsira tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2001/55/KE, u li għandha l-effett li tintroduċi protezzjoni temporanja (ĠU L 71, 4.3.2022, p. 1).

Dokument ochrony czasowej huwa servizz ipprovdut mill-Ministru responsabbli għall-kompjuterizzazzjoni, disponibbli fl-Applikazzjoni fuq l-apparat mobbli tal-Utent, li jippermetti li d-data personali ta' Utent li wasal fir-Repubblika tal-Polonja mill-Ukrajna fil-perjodu li jibda fl-24 ta' Frar 2022 titniżżel mir-Reġistru, kif ukoll tinħażen f'forma kriptata fuq l-apparat mobbli tal-Utent, u tiġi ppreżentata lil persuni oħra sabiex tiġi kkonfermata l-identità tal-Utent.

Dokument ochrony czasowej jista' jintuża minn benefiċjarji ta' protezzjoni temporanja refuġjati li joqogħdu legalment fit-territorju tal-Polonja u li rċevew Numru ta' Identifikazzjoni Nazzjonali (PESEL).

Dokument ochrony czasowej iservi bħala konferma tal-identità tal-Utent u huwa evidenza ekwivalenti għal dokument f'konformità mal-

— artikolu 8.1 tad-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE tal-20 ta' Lulju 2001 dwar l-istandards minimi sabiex tingħata protezzjoni temporanja fl-eventwalità ta' influss bil-massa ta' persuni spostati u dwar il-miżuri li jippromwovu bilanċ fl-isforzi bejn l-Istati Membri meta jirċievu dawn il-persuni u li jġorru l-konsegwenzi ta' dawn

u jenħtieġ li jitqies bħala permess ta' residenza fis-sens

— tal-artikolu 2(g) tad-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE.

Dokument ochrony czasowej jista' jintuża minn kwalunkwe persuna li għandha età legali.

